*'Actio Rei Vendicatoria'*
*Artikolu 322 tal-Kodici Civili*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 16 ta' Novembru, 2017**

**Numru 5**

**Rikors Numru 1335/07TA**

**Amabile Tabone I.D. 813030 (M), Jimmy Tabone I.D. 389274 (M), Sylvana Spiteri I.D. 427571(M), Carmen Chetcuti I.D. 363370 (M)**

**vs**

**Joseph Camilleri I.D. 422843 (M) u Antonio Camilleri I.D. 671349 (M) f'isimhom propju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta` Michael Camilleri Construction Co Ltd**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat tal-Atturi pprezentat fil-21 ta' Dicembru 2007 u mahluf minn Jimmy Tabone fl-20 ta' Dicembru 2007 li permezz tieghu ppremettew u talbu s-segwenti:-

"1. Illi l-esponenti huma sidien ta' bicca art li tinsab Marsaxlokk liema art hija adjacenti ma bicca art ohra mibjugha lill-intimati permezz ta' kuntratt pubbliku fl-20 ta' April 1992 kif redatt u ppubblikat min-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin (hawn anness u markat Dok "A");

2. Illi wara li, kif indikat, wiehed mill-esponenti Amabile Tabone u l-awtur ta' l-esponenti l-ohra kienu bieghu l-porzjon ta' art permezz tal-kuntratt imsemmi lill-intimati, l-istess intimati kienu zviluppaw l-art mixtrija (kif jidher fi pjanta hawn annessa u markata Dok "B"), izda fl-istess waqt invadew u zviluppaw abuzivament u minghajr ebda dritt jew jedd fil-ligi porzjon ta' art ohra li qatt ma nbieghet lilhom u li ghada prprjeta ta' l-esponenti;

3. Illi l-entita preciza ta' l-art invaza ghadha mhix precizament decifrata stante illi l-esponenti m'ghandhom ebda access ghall-bini li bnew l-istess intimati.

4. Illi minkejja li interpellati sabiex jirrilaxxjaw l-istess porzjon ta' art permezz ta' ittra ufficjali datata 19 ta' Novembru 2007 l-intimati baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:-

1) Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimati invadew u zviluppaw abuzivament u illegalment u minghajr ebda dritt validu fil-ligi, porzjon ta' art f'Marsaxlokk kif indikat jew indikabbli fis-smiegh tal-kaz;

2) Tiddecifra u tikkalkula b'opera ta' periti nominandi l-kejl preciz tal-porzjon ta' art invaza mill-intimati;

3) Tordna lill-intimati jirrilaxxjaw l-istess porzjon ta' art kif decifrat u kkalkulat, u fil-kaz li mhux possibbli tillikwida l-valur ta' l-istess porzjon u tikkundanna u tordna lill-intimati li jhallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat;

4) Tiffissa zmien qasir u perentorju taht il-kundizzjonijet li jidhrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti sabiex isir ir-rilaxx tal-porzjon art kif decifrat u kkalkulat jew fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti jaghmlu x-xoghol kollu mehtieg a spejjez ta' l-intimati jew f'kaz li ma ssirx ordni ta' rilaxx tordna lill-intimati jhallsu l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess intimati inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali numru 4410/07 datata 19 ta' Novembru 2007 u bl-imghaxijiet jekk ikun il-kaz."

Rat ir-Risposta Guramentata tal-Konvenuti pprezentata fil-21 ta' Jannar 2008 u mahlufa fl-istess data minn Anthony u Joseph Camilleri li permezz taghha wiegbu u eccipew is-segwenti:-

"*Joseph u Antonio Camilleri proprio*

Illi fl-ewwel lok Joseph Camilleri u Antonio Camilleri, f'isimhom personali, ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-vertenza stante illi huma ma xtraw xejn fuq isimhom u ma ghamlu xejn fuq isimhom u kwalsijasi negozju li sar, sar mill-kumpanija minnhom rapprezentanta Michael Camilleri Construction Company Limited u ghalhekk l-esponenti proprio ghandhom jigu liberati mill-osservanza ta' din il-kawza u dan ghas-spejjez tar-rikorrenti.

*Michael Camilleri Construction Company Limited*

Fit-tieni lok is-socjeta` intimata teccepixxi illi meta sar il-bejgh in kwistjoni u hija akkwistat il-proprjeta` minghand Paul Tabone u Amabile Tabone u fil-kuntratt ezebit jirrizulta illi s-socjeta` esponenti xtrat il-proprjeta` in kwistjoni "bhala entita` u mhux bhala kwantita".

Illi fil-konfini l-art giet deskritta bhala li tmiss mill-Lbic u mill-Punent u minn Nofsinhar ma' triq gdida bla isem u mill-Lvant ma' beni tal-vendituri u mit-Tramuntana ma' beni ta' Catherine Cauchi.

i. Illi effettivament l-art li xtraw l-esponenti, minn naha tat-Tramuntana jigifieri fejn tmiss ma' proprjeta` ta' Catherine Cauchi kienet deleniata permezz ta' hajt tas-sejjiegh u l-esponenti zammew il-bini taghhom ma' dan il-hajt.

ii. Minn naha tal-Lvant kien hemm garage mibni li fil-pjanta Dok B hija mmarkata bl-ittra "B" u ghalhekk meta xtraw l-esponenti anke dan il-konfini kien stabbilit.

iii. Il-konfini l-ohra kienu kollha toroq progettati u ghalhekk meta l-esponenti xtraw il-proprjeta` huma xtraw mill-linja tat-triq 'il gewwa tant illi fil-kuntratt ta' trasferiment hemm indikat fil-klawsola numru tlieta illi l-vendituri ddikjaraw li r-*road contribution, provisional asphalting u drainage extension* huma mhallsa. Illi l-esponenti, meta zviluppaw il-proprjeta` taghhom zviluppawha ezattament mill-linja tat-toroq ufficjali 'l gewwa.

Illi ghalhekk huma jsostnu li ma nvadewx proprjeta` li ma kienetx taghhom.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, huma bnew il-proprjeta` taghhom aktar minn ghaxar snin ilu u anke bieghu partijiet sostanzjali minnha u ghalhekk anke jekk ghall-grazzja tal-argument wiehed kellhu jikkoncedi illi l-esponenti setghu possibilment zviluppaw aktar proprjeta` milli xtraw, huma ghamlu hekk *in buona fede* u stante li ghaddew aktar minn ghaxar snin minn meta hadu pussess tal-proprjeta in segwitu ghal kuntratt ta' trasferiment li sar fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Raphael Darmanin fl-20 ta' April 1992 u

konsegwentement a` tenur tal-Artikolu 2140 tal-Kap 16 l-azzjoni tal-atturi hija preskritta.

Illi ulterjorment u minghajr pregudizzju u *in subsidium* ghall-premess, f'kaz li l-eccezzjonijiet precedenti jigu michuda u tirrizulta invazjoni, l-esponenti bnew in buona fede u galadarba hadd ma kellimhom u hadd ma zammhom waqt il-bini u lanqas ghal numru ta' snin wara, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-accessjoni kif kontemplati fit-Tieni Ktieb, Tieni Parti, Tieni Titlu tal-Kap. 16. Kwalsiasi kumpens ghandu jigi stabbilit bir-rata ossia prezz vigenti fiz-zemin meta saret tali invazjoni.

Minn dak iz-zmien l-esponenti bieghu diversi partijiet mill-izvilupp kif jirrizulta mill-prospett mehmuz ma' din ir-risposta u ghalhekk mhux possibbli ghall-esponenti li jirrilaxxjaw proprjeta` lir-rikorrenti.

Salvi eccezzjonijiet uterjuri."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawza;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Gunju, 2017 fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Il-kawza odjerna tikkoncerna bicca art f'Marsaxlokk li, skont l-ewwel premessa tar-Rikors Guramentat, hija adjacenti ma' bicca art ohra mibjugha mill-Atturi lill-Konvenuti permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin datat 20 ta' April 1992 (a` fol 5). Ma' dan il-kuntratt kien hemm pjanta mehmuza (a` fol 31) li hija ffirmata mill-partijiet kollha.

**2.** Skont l-Atturi, ma' l-art hekk mixtrija l-Konvenuti nvadew u zviluppaw din il-porzjon art li qatt ma nbieghet lilhom ghaliex fiz-zmien tal-akkwist kienet esproprjata mill-Gvern sabiex tigi progettata triq. Ghal xi raguni din it-triq ma gietx iffurmata u l-Gvern irrilaxxja din l-art favur l-Atturi (ara xhieda ta' John Mary Spiteri a` fol 38). Id-dokument tar-rilaxx u l-ftehim relattiv ma gewx prezentati mill-Atturi minkejja John Mary Spiteri fix-xhieda tieghu (a` fol 45) stqarr li sejjer jipprezentahom.

**Punti ta' Ligi**

**3.** L-azzjoni ttentata mill-Atturi hija essenzjalment wahda ta' natura rivendikatorja ai termini tal-artikolu 322(1) tal-Kodici Civili. Ghalkemm ma hemmx talba mill-Atturi li l-art in kwistjoni tigi dikjarata proprjetá taghhom, l-intenzjoni u l-iskop tal-kawza johorgu cari mill-premessi. Kif osservat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **It-tabib John Cassar et vs Olivier Ruggier** moghtija fis-26 ta' Marzu 2010, "*fil-konsiderazzjoni tat-talbiet il-Qorti ma ghandhiex*

*thares biss lejn it-talbiet izda lejn ic-citazzjoni kollha kemm hi, u cioe` anke dak li jinghad fil-premessi, billi mill-qari ta' dak kollu li jinghad qabel ma jsiru t-talbiet tista' tohrog cara l-intenzjoni u l-iskop tal-kawza*." Ghalhekk din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni fuq imsemmija dwar ix-xorta ta' azzjoni li qeghdha tkun esperita f'din il-Kawza.

**4.** L-izvilupp dottrinali u gurisprudenzjali wara din l-azzjoni nsibuh definit tajjeb u ezawrenti fis-sentenza **Anthony Mizzi et vs Alfred Cachia noe** moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Joseph R. Micallef fil-15 ta' Marzu 2011:

> *"l-azzjoni ta' rivendika, jew aħjar l-azzjoni li biha l-parti attrici titlob li tigi dikjarata sidt il-gid immobbli li jkun jinsab f'idejn il-parti mħarrka, bil-ħsieb li tieħdu lura f'idejha (Art 322(1) tal-Kap 16) mingħand min ikun fil-pussess u fl-istat li jkun jinsab fih dak il-gid fil-waqt tas-sentenza,…<u>titfa' piż qawwi fuq min jagħmilha għaliex irid iressaq l-aqwa provi dwar il-jedd tiegħu fuq il-beni li jrid jieħu lura f'idejh</u>. Din ir-regola waslet biex ħolqot il-frazi "probatio diabolica" biex turi kemm huwa għoli l-grad meħtieg ta' prova li jrid iressaq attur f'kawża ta' din ix-xorta: u dan għaliex actore non probante reus absolvitur, filwaqt li in pari causa melior est conditio possidentis (App. Civ. **25.6.1945**, fil-kawża fl-ismijiet **Cassar Desain vs Cassar Desain Viani et** (Kollezz. Vol: **XXXII.i.272**)*
>
> *M'huwiex għalhekk biżżejjed li l-attur jipprova li l-gid rivendikat m'huwiex tal-imħarrek (App. Civ. **12.2.1936** fil-kawża fl-ismijiet **Curmi et noe vs Depiro et***

*(Kollezz. Vol: **XXIX.i.475**); u App. Civ. **6.7.1993** fil-kawża fl-ismijiet **Simpson noe vs Borg** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.310**) u f'każ ta' xi dubju fir-rigward tat-titolu tal-parti rivendikanti, dan imur favur il-parti mħarrka (P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet **Ernest Borg Grech et vs Francis Żammit et**). Min-naħa l-oħra, l-imħarrek m'għandu għalfejn jipprova xejn, sakemm ma jgibx 'il quddiem huwa nnifsu l-eccezzjoni li t-titolu tal-gid rivendikat jinsab vestit fih (App. Civ.**21.1.1946**, fil-kawża fl-ismijiet **Agius noe vs Genovese et** (Kollezz. Vol: **XXXII.i.735**) u l-ohra P.A. **17.3.1961**, fil-kawża fl-ismijiet **Ellul et vs Ellul et** (Kollezz. Vol.: **XLV.ii.586**), f'liema każ, imbagħad, il-Qorti trid tqabbel it-titoli rispettivi tal-partijiet. Dan jingħad għaliex jekk fl-azzjoni rivendikatorja l-imħarrek jiddefendi ruħu, mhux fuq il-bażi tal-pussess, imma fuq dik ta' titolu, allura f'dak il-każ il-Qorti jkollha tidħol f'eżami tat-titolu vantat mill-imħarrek u tqis is-siwi tiegħu bl-istess għarbiel li tqis it-titolu tal-attur rivendikant (App. Civ. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet **Nancy Mangion et vs Albert Beżżina Wettinger**);*

*Illi, b'żieda ma' dan kollu, huwa meħtieg li l-attur, f'kawża bħal din, igib provi ta' titolu li jkun originali u mhux derivattiv. B'tal-ewwel, l-awturi u d-duttrina tifhem dak it-titolu li jitnissel favur persuna mingħajr ma jkun mgħoddi lilu minn ħaddieħor, filwaqt li titolu derivattiv huwa dak fejn il-jedd jgħaddi mingħand persuna għal għand oħra (Ara. Andrea Torrente Manuale di Diritto Privato 9a Ediz. (1975), 29 pp 71 et. seq.)*

*Dan ifisser li jista' jkun hemm kisba b'titolu originali wkoll fejn il-ħaga, qabel, kienet ta' ħaddieħor imma li tkun waslet għand is-sid attwali mingħajr ma tkun*

*ingħaddiet lilu mis-sid ta' qabel: dan iseħħ, per eżempju, fejn wieħed jikseb bil-pussess għal żmien ta' izjed minn tletin sena bla ma qatt ikun gie mfixkel f'dak il-pussess, jew fejn wieħed iżomm oggett mitluq minn ħaddieħor għaż-żmien meħtieg (Ara, per eżempju, tifsira cara ta' dan kollu f' Mag (Għ) AE* ***8.6.2010*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Avukat Dr. Carmelo Galea noe et vs Kummissarju tal-Artijiet et*** *(appellata);*

*Illi, madankollu, u minħabba li f'xi każijiet ikun impossibbli li wieħed juri titolu originali, sa minn dejjem gie mogħti lir-rivendikant id-dritt li jipprova titolu aħjar minn dak tal-parti mħarrka. Fi kliem ieħor, meta l-kriterji rigorużi tal-azzjoni rivendikatorja ma jistgħux jitwettqu għar-rigward tal-piż tal-prova tat-titolu, l-attur jingħata l-jedd li jipprova titolu aħjar minn tal-parti mħarrka (P.A.* ***14.5.1935*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Fenech et vs Debono et*** *(Kollez. Vol:* ***XXIX.ii.488****); u App. Civ.* ***27.2.2003*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Anna Cassar vs Carmela Stafrace et****). Din l-azzjoni hija magħrufa bħala l-actio publiciana (in rem), li hija azzjoni rejali ta' għamla petitorja fejn is-saħħa tat-titolu huwa mkejjel inter partes u mhux, bħal fil-każ tal-azzjoni rivendikatorja vera u proprja, erga omnes. Huwa rimedju li l-Qrati tagħna tawh għarfien, ukoll fil-qafas ta' azzjoni ta' rivendika ta' gid minn idejn ħaddieħor (Ara, per eżempju, App. Civ.* ***12.12.2002*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***John Vella et vs Sherlock Camilleri*** *u P.A. TM* ***9.10.2003*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Benmar Company Ltd. vs Charlton Saliba*** *għal espożizzjoni cara tal-aspetti ta' dritt li jsawru din l-għamla ta' kawża). B'mod partikolari, dan it-tqabbil tat-titoli tal-parti attrici u tal-parti mħarrka jsir meħtieg meta l-parti mħarrka tiddefendi lilha nnifisha bl-*

*eccezzjoni ta' titolu li jħabbatha mat-titolu tal-parti attrici, li, implicitament, titqies li hija eccezzjoni li tagħraf it-titolu tal-parti attrici (Ara, f'dan is-sens App. Civ.* ***16.5.1962*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Abela vs Żammit*** *(Kollez. Vol:* ***XLVI.i.619****));"*

## Konsiderazzjonijiet

**5.** Identifikata l-bazi legali ta' din l-azzjoni, din il-Qorti ser tinvesti l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Konvenuti Joseph u Antonio ahwa Camilleri sa fejn gew imharrka fil-kwalita` personali taghhom. Mill-kuntratt tal-akkwist (a` fol 5) jirrizulta car, li n-negozju ma sarx mill-Konvenuti f'isimhom personalment, izda f'isem u ghan-nom tas-socjetá Konvenuta, fil-kwalitá taghhom ta' Diretturi tal-istess Socjetá Konvenuta. Huma dehru fuq il-kuntratt inkwistjoni kjarament fil-kwalita` rappresentattiva u cioe` fl-interess tas-Socjeta' Konvenuta.

**6.** Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tintlaqa' ghaliex kemm fattwalment u kif ukoll guridikament hija misthoqqha u tajba.

**7.** Il-Qorti ezaminat l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenuti. Huwa minnu, li l-Konvenuti fil-kawza tassew qeghdin jilqghu ghat-talbiet Attrici bl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwisittiva ai termini tal-artiklu 2140 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li ai fini ta' numru ta' Sentenzi din tikkonsisti f'kompetizzjoni ta' titolu bejn il-partjiet. (Ara *App. Civ.* ***9.1.2009*** *fil-kawza fl-*

*ismijiet* ***Markiza Beatrice Cremona Barbaro of St. George et vs Joseph Vella Galea et*** u **Anthony Mizzi et vs Alfred Cachia noe** citata supra). Izda, huwa minnu wkoll li din l-eccezzjoni inghatat sussidjarjament ghat-tieni wahda li tghid, li l-art in kwistjoni kienet inxtrat bhala "entita` u mhux bhala kwantita`". Dan huwa il-kliem testwali li insibu fil-kuntratt ta' akkwist da parti tas-Socjeta` Konvenuta (ara kuntratt a` fol 5). Ghalhekk qabel ma din il-Qorti tara jekk hux il-kaz li tidhol fil-kwistjoni ta' preskrizzjoni ser l-ewwel tinvesti l-ewwel eccezzjoni.

**8.** F'dan l-istadju tas-Sentenza, huwa wkoll guridikament sinjifikanti li jinghad, li fid-dawl tad-distinzjonijiet guridici maghmulin fis-Sentenzi sucitati dwar l-azzjoni vendikatorja u dik publikana, li t-tnejn jappartjenu ghall-kamp petitorju, ai fini tal-ewwel kategorija u cioe' l-azzjoni vendikatorja veru propja taht artikolu 322(1), bl-ewwel eccezzjoni l-konvenuti qed jikkumbattu t-talbiet Attrici konsonantement mal-principji *" actore non probante reus absovitur"* u *"in pari causa melior est conditio possidentis" (ara* ***App. Civ. 25.6.1945, fil-kawza fl-ismijiet Cassar Desain vs Cassar Desain Viani et (Kollezz. Vol: XXXII.i.272 supra citata).*** Minn hawn isewgi li l-Atturi f'din il-kawza tghabbew b'piz ta' prova tqil fih innisfu, biex jipprovaw it-titolu taghhom. Di fatti ghalhekk tissejjah il-prova djalobika, ghalkemm huwa minnu li Sentenzi ricenti rrillassaw xi ftit din ix-xorta ta' prova.

**9.** Il-Qorti taghraf li l-konfigurazzjonijiet tal-art fuq liema l-Atturi qed jivvantaw titolu baqghet ma gietx stabbilita tramite relazzjoni ta' Perit Tekniku. Ghalkemm fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2009 li l-Atturi kien talbu ghall-hatra ta' Perit tekniku li ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess verbal ma kienx gie mahtur, fl-kors tal-kawza ma hassewx li kellhom jippersistu f'din it-talba. Irid jinghad ukoll li fi klawsola 6 tal-kuntratt fuq imsemmi hemm specifikament imnizzel li "Il-partijiet jaqblu u jifthemu illi l-art fuq mibjugha ghandha titkejjel mill-gdid u pjanti godda ghandhom isiru a` spejjes tal-kompratur." (a` fol 8). Lil din il-Qorti ma rrizultalhiex li qatt sar dan il-kejl. Lanqas ma jirrizulta li l-Atturi jew l-awturi taghhom, qatt hadu interess f'dan l-aspett. L-uniku inizzjattiva li hadu l-Atturi kien, li ftit qabel ma saret il-kawza odjerna, ikkommissjonaw speci ta' survey maghmul minn certu M.V. Camilleri, liema survey huwa skars ghal kollox mill-informazzjoni mehtiega ai fini ta' din il-kawza (a` fol 10). Dan Vincent Camilleri xehed bl-affidavit izda ma tefa' ebda dawl gdid fuq is-survey maghmul minnu. Qal biss li kien hu li ghamel id-dokument fuq imsemmi (a` fol 29).

**10.** Mill-provi mressqa mill-Atturi rigwardanti t-titolu tal-art li qed tkun reklamata fil-kawza, il-provi huma altament skarsi. Kif ser jinghad aktar 'l quddiem, f'mumenti huma sahansitra kontradittorji. L-Atturi lanqas ma ttentaw jipproducu xi xorta ta' ricerki li b'xi mod setghu jitfghu dawl fuq l-entita` tal-art suppost invaza mill-Konvenuti. Ipproducew bhala xhud lil John

Mary Spiteri, li lanqas biss huwa attur f'din il-kawza jew talinqas kien presenti ghall-kuntratt tal-akkwist.

**11.** L-Attrici Sylvana Spiteri mart l-imsemmi John Mary Spiteri, li hija l-persuna li flimkien ma hutha jidher li wirtet il-proprjetá in kwistjoni, lanqas biss iddeponiet jew ipproduciet affidavit. L-istess jinghad ghall-bqija tal-werrieta ta' Paul Tabone lkoll Atturi f'din il-kawza.

**12.** Fix-xhieda tieghu, John Mary Spiteri jaghmel referenza ghal dokument ta' rilaxx tal-art mill-Gvern lill-Atturi u ftehim relattiv. Dawn ma gewx prezentati u l-anqas ma tressqet bhala xhud, l-Awtorita' kompetenti li harget ir-rilaxx tal-art biex forsi titfa' xi ftit aktar dawl fuq il-kwistjoni.

**13.** F'dan l-istadju issir referenza ghall-kontro ezami ta' John Mary Spiteri (a` fol 45) fejn jistqarr, li l-art hekk rilaxxjata lanqas biss tmiss mal-proprjetá mibjugha lill-Konvenuti:-

> "**Dr. Peter Borg Costanzi:** Meta ghamiltu rilaxx iffirmajtu xi ftehim mal-gvern?
>
> **Xhud:** Iva.
>
> **Dr. Peter Borg Costanzi:** Min iffirmah?
>
> **Xhud:** Iffirmat il-mara tieghi, hutha, li huwa dak u ohtha, u z-ziju Mabli.
>
> **Dr. Peter Borg Costanzi:** Ok, u din l-art kemm qedgha boghod minn dan il-bini.
>
> **Xhud:** Kemm tista' tkun 70 metru, 60 metru.

**Dr. Peter Borg Costanzi:** Ma tmissx maghha

**Xhud:** Le ma tmisx, mal-iskola qedgha biex nghid ezatt."

**14.** Il-Qorti tikkonkludi li l-art li suppost giet rilaxxjata lill-Atturi m'hijiex "adjacenti ma' bicca art ohra mibjugha lill-Konvenuti permezz ta' kuntratt pubbliku fl-20 ta' April 1992" skont kif hemm indikat fl-ewwel premessa tar-rikors guramentat prezentat mill-Atturi. Il-Qorti kompliet issahhah din il-konvinzjoni mix-xhieda ta' Amabile Tabone, li huwa l-uniku Attur u wiehed mill-vendituri originali li gie hekk prodott bhala xhud, fejn stqarr (a` fol 56) li "*jien ma zammejt ebda parti mill-art, hlief il-bini. Nispjega li jiena baqali bicca art ohra iktar l-isfel izda li ma tmissx ma' l-art in kwistjoni.*"

**15.** Ghalhekk ghandhom ragun ukoll il-Konvenuti f'dak li jghidu fit-tielet paragrafu tat-tieni eccezzjoni (a` fol 15). Huma jargumentaw, li li kieku kien ghad hemm xi art bil-mod kif qed jippretendu l-Atturi u cioe` progettata bhala triq u li kienet tmiss mal-art mixtrija, ma kinitx tkun inserita fil-kuntratt tal-akkwist fuq imsemmi, klawsola 3 u cioe` li "Il-vendituri jiddikjaraw li r-*road contribution, provisional asphalting u drainage extension* huma imhallsa" (a` fol 8). Dan ifisser li fuq bilanc ta' probabbilitajiet, huma xtraw mil-linja tat-triq 'l gewwa.

**16.** Jidher car ghalhekk, li l-Atturi ma osservawx il-principju kardinali li jiggverna l-azzjoni odjerna u cioe` li jipproducu l-ahjar prova dwar it-titolu

taghhom. Anzi mill-unici zewg provi orali li pprezentaw, jirrizulta li dak premess minnhom fir-Rikors Guramentat ma jiffigurax. Kif insenjat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza moghtija fit-12 ta' Lulju 2006 fl-ismijiet **Mary mart Joseph Gialanzè et vs Louis Muscat et**, "*Intqal fis-sentenza "Perit Carmelo Falzon v. Alfred Curmi", deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1995 li: "Min jitlob ir-rivendikazzjoni ta' immobli ghandu dover li qabel xejn hu jipprova l-proprjeta` tieghu. L-imharrek f'din l-azzjoni m'ghandux ghalfejn jiftah halqu sakemm issir dik il-prova, u jekk dik il-prova ma ssirx, l-imharrek ghandu jirbah il-kawza". (enfasi ta' din il-Qorti).*" Ghalhekk hija l-fehma soda ta' din il-Qorti li t-talbiet Attrici ma jistghux jigu milqugha.

**17.** Fid-dawl ta' dan, il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tinvesti l-eccezzjonijiet l-ohrajn tal-Konvenuti, inkluza dik tal-preskrizzjoni kif fuq inghad, hlief ghall-ewwel eccezzjoni. Kif diga` inghad, jirrizulta ampjament mill-provi, li l-Konvenuti fil-vesti personali taghhom ma humiex il-legittimi kontradittturi u dan ghaliex, l-art mertu tal-kuntratt fuq imsemmi kienet xtratha s-Socjeta` Konvenuta.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant u ghar-ragunijet fuq imsemmija, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

**Tilqa' l-ewwel** eccezzjoni u tillibera lill-Konvenuti mill-osservazzjoni tal-gudizzju inkwantu din il-Kawza giet diretta kontra taghhom personalment.

**Tilqa'** it-tieni eccezzjoni tas-Socjeta' Konvenuta ghar-ragunijiet fuq imsemmija u konsegwentement, **tichad** it-talbiet Attrici kollha.

**Spejjez** tal-Kawza jibqghu kollha a` karigu tal-Atturi.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**